**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Kumpilazzjoni Nru. 1065/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Filika Vangjeli**

**Illum, 11 ta' Diċembru 2023**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi miġjuba kontra:

**Filika Vangjeli** ta' 37 sena, mwielda l-Greċja, nhar is-26 ta Mejju 1986, bint: Jani u Vasilika xebbha Dima, residenti: 49, Madonnina, Triq it-Trunċiera, San Ġwann, detentrici tal-karta tal-identità Griega bin-numru AN 697966.

Akkuzata talli nhar id-09 ta' Diċembru 2023 bejn is-07:00 ta' filgħaxija u s-07:30 ta' filgħaxija ġewwa Triq it-Trunċiera, San Ġwann:

1. Volontarjament għamlet ħsara, jew għarqet ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamlet ħsara fuq vettura ta' għamla Range Rover bin-numru tar-reġistrazzjoni barrani 175 DJB, liema ħsara hija iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (2,500) għad-dannu ta' Svetlana Gorchakova u/jew persuni oħra;

2. Ikkaġunat lil Islam Kurbanov ġrieħi ħfief, skont kif ċertifikati minn Dr Emanuel Gatt reg. No. 8096 ta' l-isptar Mater Dei;

3. B'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi (Kodiċi Kriminali), kisret volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Svetlana Gorchakova u Islam Kurbanov billi jiġu applikati l-provedimenti ta' l-artikolu 412C tal-kap. 9 tal-ligijiet ta Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kas ta' ħtija jiġu applikati l-provedimenti ta' l-artikoli 382A u 383 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta Malta.[1]

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat l-ammissjoni tal-imputata;

Semgħet lill-imputata tikkonferma l-ħtija tagħha fis-seduta tal-lum stess 11 ta' Diċembru 2023;

[1] A folio 1 tal-process.

Tat żmien raġonevoli lill-imputata sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni tagħha u wara li l-Qorti spjegatilha l-portata tal-akkużi l-imputata reġgħet ammettiet l-akkużi kif dedotti u dan wara li giet debitament imwissija skond il-ligi u inaghtat zmien tikkonsidra u tikkonsulta mal-avukat taghha dwar il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni.[2]

Rat illi wara li tat zmien ragonevoli lill-imputata sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni taghha u wara li tat lill-imputata zmien ragonevoli sabiex terga' tikkonsulta mal-Avukat li qed jassistiha f'dawn il-proceduri u wara li l-Qorti spjegatilha l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, u l-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputata reġghet ikkonfermat l-ammissjoni taghha ghall-akkużi migjuba kontra taghha.

Semghet lill-imputata tikkonferma l-htija taghha fir-rigward tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha fis-seduta tal-lum stess 11 ta' Dicembru, 2023.[3]

Rat l-atti kollha.

Rat il-fedina penali tal-imputata Dok. FS1 prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[4].

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet fis-seduta tal-lum stess.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

[2] A folio 4 tal-process.
[3] A folio 4 tal-process.
[4] A folio 8 tal-process.

Dan il-kaz jirrigwarda hsara volontarja fi proprjeta ta' terzi, griehi ftit u ksur tal-bon ordni u paci pubbliku. L-imputata allegatament infexxet tkisser il-vettura tal-parte civile u kkagunat griehi hfief fuq il-parte civile u f'din is-sitwazzjoni kisret ukoll il-paci pubbliku.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta tal-lum stess, l-imputata irregistrat ammissjoni, liema ammissjoni hija regghet ikkonfermat wara li l-Qorti spjegatilha l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, il-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, liema ammissjoni l-imputata wkoll ikkonfermat wara illi l-Qorti tat zmien ragonevoli lill-imputata sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni taghha u wara li inghatat il-hin mehtieg biex tikkonsulta dwar tali ammissjoni mal-avukat li qed tassistiha.

Illi fuq tali ammissjoni l-akkuzi jinsabu pruvati u l-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputata.

**Ikkunsidrat:**

Id-disposizzjonijiet legali li fuqhom giet akkuzata l-imputata jipprovdu s-segwenti:

*325.(1) Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijinfl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, volontarjament iħassar,jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jewimmobbli, jeħel, meta jinsab ħati:*

*(a) jekk l-ammont tal-ħsara ikun iżjed minn elfejn uħames mitt euro (€2,500), il-piena ta' priġunerija minntmintax-il xahar sa erba snin;*

*221.(1) L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa.*

*(2) Meta l-offiża ssir b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, il-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa seba' snin.*

*338. Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku,kull min:*

*(dd) b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiettal-pubbliku;*

L-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem dwar il-piena li tista' tigi moghtija ghall-kontravvenzjonijiet u jipprovdi s-segwenti:

*7.(2) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 53 jew ta' xi liġi speċjali oħra, il-pieni li jistgħu jiġu mogħtija għall-kontravvenzjonijiet huma:*

*(a) id-detenzjoni; (b)l-ammenda;(ċ) iċ-ċanfira jew it-twiddiba.*

**Ikkunsidrat:**

Illi fuq ammissjoni tal-imputata stess l-akkuzi jinsabu pruvati u konsegwentament il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputata.

In konsiderazzjoni tal-piena illi ghandha tigi erogata l-Qorti ikkunsidrat l-ammissjoni tal-imputata f'dan l-istadju ferm bikri tal-proceduri, l-fedina penali netta tal-imputata, l-koperazzjoni taghha mal-Pulizija u n-natura u l-gravita tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Il-Qorti qieset ukoll illi wara li l-Qorti spjegat lill-imputata x'inhi Ordni ta' Trattament, l-imputata dikkjarat li hija lesta toqghod ghal Ordni ta'

Trattament u dan sabiex titghallem tindirizza b'mod kostruttiv l-imgieba taghha u in partikolari l-impulsi u r-rabja li tista' tesperjenza f'sitwazzjonijiet bhal dawk li wasslu ghal dawn il-proceduri.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7(2), 221(2), 325(1)(a), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputata **FILIKA VANGJELI HATJA** tal-akkuzi migjuba kontra taghha u qed tikkundanna lill-imputata għal sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal erba' (4) snin.

Il-Qorti qeghda toħroġ ukoll Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-hatja u a favur tal-vittmi Svetlana Gorchakova u Islam Kurbanov għal żmien sentejn minn meta din is-sentenza ssir res judicata.

Il-Qorti qeghda wkoll tpoggi lill-hatja taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sena minn meta din is-sentenza ssir res judicata.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem car l-obbligi taghha taht din is-sentenza u l-imputata tiddikjara li fehmet l-istess.

Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.
Magistrat

Iamin Guarracino
Deputat Reġistratur